



IS-SUQ UNIKU DIGITALI KULLIMKIEN

Is-suq uniku diġitali huwa wieħed mill-oqsma l-aktar promettenti u ta' sfida f'dak li jirrigwarda l-progress, li għandu potenzjal li joħloq gwadann f'termini ta' effiċjenza għall-valur ta' EUR 415 biljun. Is-suq uniku diġitali jiftaħ opportunitajiet ġodda fl-ispinta tal-ekonomija permezz tal-kummerċ elettroniku, filwaqt li fl-istess waqt, jiffaċilita l-konformità amministrattiva u finanzjarja għan-negozji, u jagħti setgħa lill-klijenti permezz tal-gvern elettroniku. Is-servizzi tas-suq u tal-gvern żviluppatti fi ħdan is-suq uniku diġitali qed jevolvu minn pjattaformi fissi għal pjattaformi mobbli u qed jinfirxu aktar ma' kullimkien, filwaqt li joffru aċċess għall-informazzjoni u l-kontenut fi kwalunkwe ħin, kullimkien u fuq kwalunkwe apparat (kummerċ kullimkien u gvern kullimkien). Dawn l-avvanzi jeżiġu qafas regolatorju li jwassal għall-iżvilupp tal-cloud computing, konnettività mobbli tad-data mingħajr fruntieri u aċċess simplifikat għall-għarfien u l-kontenut, filwaqt li jissalvagwardja l-privatezza, id-data personali, iċ-ċibersigurtà u n-newtralità tan-netwerk.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 4(2)(a), 26, 27, 114 u 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-OBJETTIVI

Is-suq uniku diġitali jitratta essenzjalment it-tneħħija tal-ostakli nazzjonali għat-tranżazzjonijiet li jseħħu online. Dan jibni fuq il-kunċett tas-suq komuni, intenzjonat biex jelimina l-ostakli ta' kummerċ bejn l-Istati Membri bil-għan li tiżdied il-prosperità ekonomika u li jikkontribwixxi għal "għaqda dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa" u żviluppatt aktar fil-kunċett tas-suq intern, definit bħala "żona bla fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat". B'segwitu għall-Istrateġija ta' Lisbona^[1], l-istrateġija Ewropa 2020 introduċiet l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa^[2] bħala waħda mis-seba' inizjattivi ewlenin, li tirrikonoxxi r-rwol kruċjali li għandu jkollu l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jekk l-UE trid tinneħxi fl-ambizzjonijiet tagħha għall-2020 (2.3.3). Is-Suq Uniku Diġitali ġie rikonoxxut bħala prijorità mill-Kummissjoni Ewropea fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali tagħha^[3].

Is-suq uniku diġitali għandu l-potenzjal li jtejjeb l-aċċess għall-informazzjoni, iġib titjib fl-effiċjenza f'termini ta' tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjoni, konsum dematerjalizzat u tnaqqis fl-

[1]L-Istrateġija ta' Lisbona kellha l-għan li tagħmel l-UE "l-ekonomija l-aktar kompetittiva u dinamika fid-dinja, imsejsa fuq l-għarfien, kapaċi għal tkabbir ekonomiku sostenibbli b'aktar impjiegi ta' kwalità aħjar u koeżjoni soċjali akbar".

[2]<http://ec.europa.eu/digital-agenda/>

[3]Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192). Ara wkoll dokumenti addizzjonali ppubblikati flimkien mal-istqarrija għall-istampa fuq: http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4919_en.htm. L-informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi rilevanti (dawk miftuħa, dawk ipplanati u dawk li ngħalqu) tinstab hawnhekk: <https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/consultations>

impatt ambjentali, u li jintroduċi mudelli ta' negozju u amministrattivi mtejbja^[4]. Aktar kummerċ elettroniku jiġġenera benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi, bħal prodotti ġodda li jevolvu b'mod rapidu, prezzijiet aktar baxxi, aktar għażla u kwalità aħjar fil-prodotti u fis-servizzi, kaġun tal-kummerċ transkonfinali u tqabbil aktar faċli tal-offerti^[5]. Aktar gvern elettroniku jiffaċilita l-konformità online u l-aċċess għal impjiegi u opportunitajiet ta' negozju kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji^[6].

L-immappjar tal-prezz tan-Non-Ewropa u l-istudju tal-Kumitat tal-Parlament għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) bit-titolu "Contribution of the Internal Market and Consumer Protection to Growth" (Il-kontribut tas-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur għat-Tkabbir) indikaw li s-suq uniku diġitali jista' jikkontribwixxi madwar EUR 415 biljun lill-PDG tal-UE-28^[7]. F'oqsm ta' politika speċifiċi, pereżempju b'riżultat tal-adozzjoni tal-cloud computing, 80 % tal-organizzazzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż b'bejn 10 % u 20 %. Benefiċċji oħra jinkludu titjib fil-mobbiltà tax-xogħol (46 %), fil-produttività (41 %) u fl-istandardizzazzjoni (35 %), kif ukoll opportunitajiet ġodda ta' negozju (33 %) u swieq ġodda (32 %)^[8]. Persuni vulnerabbli (l-anzjani, dawk b'mobbiltà mnaqqa, dawk li jinsabu iżolati f'żoni rurali, dawk b'kapaċità dgħajfa għax-xiri) jistgħu jiksbu benefiċċju partikolari mis-suq uniku diġitali, u għalhekk l-UE se tkun f'pożizzjoni aħjar biex tiffaċċja l-isfidi demografiċi tal-lum^[9].

IL-KISBIET

It-tnedija mill-ġdid tal-ekonomija Ewropea permezz tas-suq uniku diġitali: peress li l-potenzjal sħiħ tas-suq intern għadu mhux sfruttat, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni għamlu sforzi ġodda sabiex iniduh mill-ġdid u jpoġġu lill-pubbliku, lill-konsumaturi u lill-intrapriżi zġħar u ta' daqs medju (SMEs) fiċ-ċentru tal-politika tas-suq uniku^[10]. Is-suq uniku diġitali għandu rwol ewlieni f'dawn l-isforzi.

Fil-komunikazzjoni tagħha bit-titlu "Ewropa 2020 — Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" ([COM\(2010\) 2020](#)), il-Kummissjoni ppreżentat seba' inizjattivi ewlenin — inkluża l-Aġenda Diġitali — bil-għan li "l-Ewropa issir ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva li twassal għal livelli għoljin ta' impjiegi, ta' produttività u ta' koeżjoni soċjali".

Minbarra l-istrateġija Ewropa 2020, f'Mejju 2010, il-Kummissjoni ppubblikat rapport bit-titolu "Strateġija ġdida għas-suq uniku għas-servizz tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropea", bil-għan li tiżviluppa strateġija komprensiva għas-suq uniku li tkopri l-politiki kollha kkonċernati,

[4] Ara "Streaming u Aċċess Online għall-Kontenut u s-Servizzi" studju mħejji għall-Kumitat tal-Parlament għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, 2014:

[http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2014/492435/IPOL-IMCO_ET\(2014\)492435_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2014/492435/IPOL-IMCO_ET(2014)492435_EN.pdf)

[5] Għall-kalkolu tal-benefiċċji tal-inizjattivi reċenti, ara: "Pjan Direzzjonali għas-Suq Uniku Diġitali", nota informattiva ppreparata għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Parlament (2012), <http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201209/20120914ATT51402/20120914ATT51402EN.pdf>

[6] Ara Punt ta' Kuntatt Waħdieni Ewropew, studju ppreparat għall-Kumitat tal-Parlament għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, 2013, [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2013/507453/IPOL-IMCO_ET\(2013\)507453_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2013/507453/IPOL-IMCO_ET(2013)507453_EN.pdf)

[7] Ara l-istudju bit-titolu "Contribution of the Internal Market and Consumer Protection to Growth", ippreparat għall-Kumitat tal-Parlament għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, Dipartiment Tematiku A, 2014, [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2014/518762/IPOL_STU\(2014\)518762_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2014/518762/IPOL_STU(2014)518762_EN.pdf) u [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/536364/EPRS_STU\(2015\)536364_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/536364/EPRS_STU(2015)536364_EN.pdf)

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-isfruttar tal-Potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa" ([COM\(2012\) 0529](#)).

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi online" ([COM\(2011\) 0942](#)).

[10] Sforzi li saru qabel kellhom l-għan li jtejbu t-tħaddim tas-suq intern u jiżguraw il-ħarsien tal-konsumatur, pereżempju permezz ta': id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data (95/46/KE; proposta tal-2012 għal Regolament Ġenerali tal-Ħarsien tad-Data qiegħda fil-preżent tiġi diskussa mill-Parlament), id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku (2000/31/KE), il-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni inkluża d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (2002/58/KE), id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas (2007/64/KE), id-Direttiva dwar Drittijiet tal-Konsumatur (2011/83/UE) u r-Regolament dwar ir-Roaming (531/2012).

inkluża l-politika diġitali. Hija stabbiliet ukoll diversi inizjattivi bil-għan li jingħata appoġġ lis-suq uniku billi jitneħħew l-ostakli. Dawn il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u r-risoluzzjoni tal-Parlament tal-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini^[11], ħejjew it-triq għal komunikazzjoni bit-titlu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" ([COM\(2010\)0608](#)) fejn il-Kummissjoni ppreżentat sensiela ta' miżuri mfassla sabiex tingħata spinta lill-ekonomija tal-UE u biex jinħolqu l-impjiegi. B'segwitu għall-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Jannar 2012 bit-titlu "Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi online" ([COM\(2011\)0942](#)), f'Ġunju 2012, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni bit-titlu "Governanza aqwa tas-Suq Uniku" ([COM\(2012\) 0259](#)). Din ipproponiet li tingħata attenzjoni lil dawk is-setturi bl-ogħla potenzjal ta' tkabbir, inklużi l-industriji tan-netwerks (eż. l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet).

F'Settembru 2012, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni dwar "L-isfruttar tal-Potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa", filwaqt li pproponiet l-azzjonijiet ewlenin segwenti: (1) li ssir ordni fil-konfużjoni li hemm fir-rigward tal-istandards, (2) jiġu ggarantiti termini u kundizzjonijiet kuntrattwali siguri u ġusti, (3) tiġi stabbilita sħubija Ewropea tal-cloud biex tmexxi l-innovazzjoni u t-tkabbir mis-settur pubbliku; b'hekk fittxet li tindirizza kwistjonijiet bħall-frammentazzjoni tas-suq uniku diġitali u ta' ambjenti kuntrattwali kumplikati ([COM\(2012\) 0529](#)).

F'Ottubru 2012, il-Kummissjoni ressqet it-tieni sett ta' proposti — L-Att dwar is-Suq Uniku II ([COM\(2012\) 0573](#)) — li jinkludi 12-il azzjoni ewlenija ffukati fuq erba' muturi ewlenin għat-tkabbir, l-impjiegi u l-kunfidenza: in-netwerks integrati, il-mobbiltà transkonfinali taċ-ċittadini u n-negozji, l-ekonomija diġitali, u l-azzjonijiet li jsaħħu l-koezzjoni u l-benefiċċji tal-konsumatur.

Fis-6 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali, magħmula minn tliet pilastri: (1) aċċess aħjar għall-konsumaturi u l-impriżi għall-prodotti u s-servizzi diġitali madwar l-Ewropa; (2) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet ġusti u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni sabiex in-netwerks diġitali u s-servizzi innovattivi jkunu jistgħu jiffjorixxu; (3) il-massimizzazzjoni tal-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomija diġitali. Il-Kummissjoni waqqfet Pjan ta' Azzjoni b'16-il azzjoni ewlenija taħt dawn il-pilastri li għandhom jinbdeu sal-aħħar tal-2016^[12]. Biex tkejjel il-progress tal-Ewropa lejn ekonomija u soċjetà diġitali, il-Kummissjoni ħolqot għodda onlajn imsejħa "L-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali"^[13] (DESI). Hija tiġbor flimkien sett ta' ħames indikaturi rilevanti dwar it-taħlita ta' politiki li hemm bħalissa fl-Ewropa fil-qasam diġitali, li jippermetti ħarsa ġenerali tal-prestazzjoni ta' kull Stat Membru. Wara l-pubblikazzjoni ta' din l-istrateġija, il-Kummissjoni ressqet għadd ta' proposti leġislattivi mmirati lejn il-kisba ta' suq uniku diġitali. Proposti leġislattivi ġodda għandhom l-għan li jindirizzaw kwistjonijiet bħalma huma l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat^[14], il-konsenja transkonfinali ta' pakketti^[15], il-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut onlajn^[16],

[11]ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 84.

[12]Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" ([COM\(2015\)0192](#)). Ara wkoll dokumenti addizzjonali ppubblikati flimkien mal-istqarrija għall-istampa fuq: http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-4919_en.htm. L-informazzjoni dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi rilevanti (dawk miftuħa, dawk ippjanati u dawk li nqas) tinstab hawnhekk: <https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/consultations>

[13]http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-16-385_en.htm

[14]Proposta għal Regolament dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku u forom oħra ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi ħdan is-suq intern, <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52016PC0289>

[15]Proposta għal Regolament dwar servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera <https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2016/MT/1-2016-285-MT-F1-1.PDF>

[16]Proposta għal Regolament dwar l-iżgurar tal-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut onlajn fis-suq intern <https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/1/2015/MT/1-2015-627-MT-F1-1.PDF>

reviżjoni tar-Regolament dwar il-kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur^[17], servizzi tal-midja awdjoviżiva^[18], il-kuntratti għall-bejgħ onlajn u bejgħ mill-bogħod ieħor ta' oġġetti^[19] u kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali^[20]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni li tispjega l-approċċ ta' politika futura, pereżempju għal pjattaformi online^[21].

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament kellu rwol ewlieni fit-tnedija mill-ġdid tas-suq intern u huwa promotur ħerqan kif ukoll jistabbilixxi l-aġenda tas-suq uniku diġitali^[22].

Ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012 dwar "Suq uniku diġitali kompetittiv — il-Gvern elettroniku bħala xprun"^[23] enfasizzat il-ħtieġa ta' qafas legali ċar u koerenti għar-rikonnoxximent reċiproku tal-awtentikazzjoni, l-identifikazzjoni u l-firem elettroniċi, li huwa meħtieġ sabiex is-servizzi amministrattivi transkonfinali jkunu jistgħu joperaw madwar l-UE.

Fil-11 ta' Diċembru 2012, il-Parlament adotta żewġ riżoluzzjonijiet mhux leġiżlattivi relatati mas-suq intern, waħda dwar l-ikkompletar tas-Suq Uniku Diġitali^[24] u l-oħra dwar Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE^[25]. L-għan tar-riżoluzzjonijiet kien li jiġu żviluppata l-politika u l-prattika bil-ħsieb li jiġi stabbilit suq uniku diġitali reali fl-UE sabiex ilaħħaq ma' 27 sett differenti ta' regoli fl-oqsma ewlenin inklużi l-VAT, is-servizzi tal-posta u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Il-konnessjoni tal-SMEs mar-rivoluzzjoni diġitali permezz ta' kummerċ elettroniku pan-Ewropew ġenwin u żviluppat sew, hija waħda mir-rakkomandazzjonijiet li saru lill-Kummissjoni u lill-Kunsill bil-ħsieb li jitneħħew l-ostakli diġitali bejn l-Istati Membri.

Fl-4 ta' Lulju 2013, il-Parlament adotta riżoluzzjoni oħra dwar it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali^[26], li tiffoka fuq l-użu tal-potenzjal sħiħ tas-suq uniku diġitali, l-indirizzar tal-iskarsezza ta' ħiliet, il-bini tal-fiduċja, is-sigurtà u l-kunfidenza tal-konsumatur, il-ħolqien ta' provvista legali u attraenti ta' kontenut diġitali, il-bini ta' servizzi ta' mobbiltà u d-dimensjoni internazzjonali. Din ir-riżoluzzjoni stabbilixxiet linji gwida ta' politika li mbagħad ġew segwiti mill-Kummissjoni fl-Istrateġija tagħha tas-Suq Uniku Diġitali (DSM). Il-kisbiet tal-Parlament fl-era diġitali huma mibnija fuq il-ħidma preparatorja magħmula mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kummerċ Elettroniku u s-Suq Uniku Diġitali, ippresedut mill-MEP Róża Gräfin von Thun und Hohenstein.

[17] Proposta għal regolament dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazżjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (2016/0148 (COD), http://ec.europa.eu/consumers/consumer_rights/unfair-trade/docs/cpc-revision-proposal_en.pdf)

[18] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fid-dawl tar-realtajiet tas-suq li qed jinbidlu (COM(2016) 0287),

[19] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jirrigwardaw il-kuntratti għall-bejgħ onlajn u bejgħ mill-bogħod ieħor ta' oġġetti, (COM(2015) 0635) — 2015/0288 (COD), <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1450431933547&uri=CELEX:52015PC0635>

[20] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali (COM(2015) 0634) — 2015/0287 (COD), <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1450431933547&uri=CELEX:52015PC0634>.

[21] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Diġitali, Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa (COM(2016) 0288), <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A52016DC0288>

[22] Għal ħarsa ġenerali interattiva tal-attivitatijiet leġiżlattivi tal-Parlament fil-qasam tas-suq uniku diġitali, ara: [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/ATAG/2015/542204/IPOL_ATA\(2015\)542204_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/ATAG/2015/542204/IPOL_ATA(2015)542204_EN.pdf)

[23] Testi adottati, P7_TA(2012)0140.

[24] Testi adottati, P7_TA(2012)0468.

[25] Testi adottati, P7_TA(2012)0470.

[26] Testi adottati, P7_TA(2013)0327.

Bi tweġiba għall-Istrateġija tad-DSM, fid-19 ta' Jannar 2016, il-Parlament adotta rizzoluzzjoni bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali"^[27], li tistieden lill-Kummissjoni ttejjem il-prattiki ta' mblukkar ġeografiku mhux ġustifikati, ittejjeb l-aċċess tal-konsumaturi tal-UE għal prodotti u servizzi, tiżgura ħarsien tal-konsumatur ekwivalenti u li jkun ħieles minn problemi fil-futur, irrISPettivament jekk il-kontenut diġitali jinxtarax online jew offline, tidentifika soluzzjonijiet innovattivi għall-konsenja transkonfinali ta' pakketti sabiex jittejjbu s-servizzi u jonqsu l-ispejjeż, tneħħi l-ostakli għall-SMEs, in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, u biex taħtaf l-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji ġodda tal-ICT, bħall-big data, il-cloud computing, l-Internet tal-Oġġetti u l-ipprintjar 3D. Il-Parlament sostna li politika favur l-innovazzjoni għall-pjattaformi online (pereżempju l-ġhodod għat-tiftix u l-app stores) li tiffaċilita d-dħul fis-suq, għandha tinżamm, u kien favur reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tad-dispożizzjonijiet tagħha mar-regoli l-ġodda tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Il-Parlament qed jibni s-suq uniku diġitali permezz ta' attività leġiżlattiva intensiva. Il-leġiżlazzjoni l-iktar reċenti tkopri: l-introduzzjoni tal-garanziji tan-newtralità tan-net; it-tnaqqis tat-tariffi tar-roaming, li wasslu għall-eliminazzjoni tat-tariffi tar-roaming tad-data mill-15 ta' Ġunju 2017^[28]; u l-adozzjoni tad-direttiva dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja^[29], u r-regolament dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern^[30], u d-direttiva dwar ir-regoli Ewropej dwar is-sigurtà ċibernetika^[31]. Rigward il-pakkett dwar il-protezzjoni tad-data^[32], ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680 ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-4 ta' Mejju 2016^[33]. Dawn it-testi jiggarantixxu aċċess aktar faċli għaċ-ċittadini lid-data tagħhom u informazzjoni dwar kif tiġi pproċessata d-data, id-dritt għall-portabbiltà tad-data, id-"dritt li jkun minsi" aktar ċar, u d-dritt li wieħed ikun jaf meta d-data tiegħu tkun ġiet aċċessata b'mod mhux awtorizzat (hacked)^[34]. Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018. L-Istati Membri huma meħtieġa li jittrasponu d-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sas-6 ta' Mejju 2018^[35]. Bħalissa, il-Parlament qed jagħmel ħidma leġiżlattiva estensiva fuq propositi ppreżentati b'segwitu għall-Istrateġija tad-DSM u r-rizzoluzzjoni tal-Parlament bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali"^[36].

Ir-riċerka mwettqa għall-Parlament turi l-potenzjal sinifikanti tas-suq uniku diġitali fit-tnaqqis tal-ispejjeż u l-ostakli fl-Ewropa għaċ-ċittadini u n-negozji^[37], u li jagħmel l-ekonomija Ewropea aktar ekoloġika^[38] u soċjali^[39]. Fl-Ewropa, parti sinifikanti minn dan il-potenzjal tista' tinkiseb permezz tal-iżvilupp ta' gvern elettroniku u servizzi relatati bħas-Saħħa elettronika^[40].

[27]Testi adottati, [P8_TA\(2016\)0009](#).

[28]ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1; ĠU C 261 E, 10.9.2013, p. 54.

[29]ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1.

[30]ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

[31]Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 2016, dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni.

[32][http://www.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2012/0011\(COD\)&l=en](http://www.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2012/0011(COD)&l=en)

[33]<http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2016:119:FULL&from=MT>

[34]http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-6321_mt.pdf

[35]<http://ec.europa.eu/justice/data-protection/>

[36]Testi adottati, [P8_TA\(2016\)0009](#).

[37]Studju dwar "It-tnaqqis tal-ispejjeż u l-ostakli għan-negozji fis-suq uniku" (2016) imħejji mid-Dipartiment Tematiku A u mil-London Economics għall-Kumitat IMCO, [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/578966/IPOL_STU\(2016\)578966_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/578966/IPOL_STU(2016)578966_EN.pdf)

[38]Studju dwar "Ħajja itwal għall-prodotti" (2016) imħejji mid-Dipartiment Tematiku A u TNO għall-Kumitat IMCO.

[39]Studju dwar "Ekonomija soċjali" (2016) imħejji mid-Dipartiment Tematiku A u minn Optimity Advisors għall-Kumitat IMCO, [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/578969/IPOL_STU\(2016\)578969_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/578969/IPOL_STU(2016)578969_EN.pdf)

Riċerka reċenti tindika li l-proċess tal-Brexit li għaddej bħalissa ser jiġġenera inċertezzi sinifikanti u impatti negattivi fuq is-Suq Uniku u fuq id-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej fis-suq uniku diġitali^[41]. Il-Parlament ser ikollu rwol sinifikanti li jiżgura li l-leġittimità demokratika u r-rispett għad-drittijiet taċ-ċittadini huma preżenti f'dan il-proċess^[42].

Mariusz Maciejewski

10/2018

[40]Studju dwar "Żvilupp Kullimkien tas-Suq Uniku Diġitali" (2013) imħejji mid-Dipartiment Tematiku A u minn konsorzju ta' WIK, RAND, u TNO għall-Kumitat IMCO. [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/Join/2013/507481/IPOL-IMCO_ET\(2013\)507481_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/Join/2013/507481/IPOL-IMCO_ET(2013)507481_EN.pdf)

[41]Repasi R., Proceedings of the Workshop on the consequences of Brexit, 2017, [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/602052/IPOL_STU\(2017\)602052_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/602052/IPOL_STU(2017)602052_EN.pdf) u Eeckhout P., The Consequences of Brexit for the Customs Union and the Internal Market Acquis for Goods, 2017, [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2017/602053/IPOL_BRI\(2017\)602053_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2017/602053/IPOL_BRIhttp://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2017/602053/IPOL_BRI(2017)602053_EN.pdf)

[42]Stoll P.T., Studju dwar ir-rwol u s-setgħat tal-Parlament Ewropew fil-proċess tal-Brexit, 2017, [http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2017/602054/IPOL_IDA\(2017\)602054_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2017/602054/IPOL_IDA(2017)602054_EN.pdf)